KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGHAT TAL-KUNSILL TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 39

Id-disa u tletin laqgħa tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet it-Tlieta 28 ta' April 2015 fis-6.06pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Kris Busietta | Vici Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Lisa Cassar Shaw | Kunsillier |
| | Nanette Castaldi Paris | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **SKUZATI** | Pierre Portelli | Kunsillier |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Assistant Principal |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda:*

1. *Suġġerimenti mill-Kunsilliera*
2. *Audit Adjustments*
3. *Aġġornament*

## 1 SUGGERIMENTI MILL-KUNSILLIERA

1.1 Il-Kunsillier P. Radmilli informa li l-Kunsill irċieva l-ewwel premju għal 'Best Public Administration' u irċieva wkoll voucher ta' Ewro *Premju – Best Public Administration*

500. Il-Kunsill tas-Sliema ġie imfaħħar ukoll għaliex huwa wieħed mill-Kunsilli li sejjer tajjeb fil-*Food Waste Reduction*. Il-Kunsillier Radmilli qal li japprezza l-għajnuna tal-Wasteserv.

1.2 Fir-rigward ta' skart kompost il-Kunsill qabel li jista jippjana xi inċentiv mal-iskejjel għas-sena skolastika li jmiss. *Skart - kompost*

1.3 Il-Kunsillier Radmilli irrimarka li qiegħed ikun hemm ħafna traffiku minn Mrabat għal Triq Rodolfu. Ġie suġġeriet li jsiru *give way signs*. Kien hemm qbil dwar dan. *Traffiku – Mrabat u Rodolfu*

*Daħal il-Viċi Sindku fis-18.16 għas-seduta*

1.4 Il-Kunsillier P. Radmilli saqsa jekk irċevejniex xi ħaġa dwar *traffic management* fi Triq Leone għal Triq Falzon. Il-Kunsill ġie infurmat li għada pendenti mat-TM. *Triq Leone ma Falzon*

1.5 Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għal programm *Times Talk* u qal li sema li hemm skema li l-Gvern jista jgħin fl-asphaltar ta' toroq. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li uffiċjalment għadu ma rċieva xejn. Il-Kunsill għandu jiċċekja dwar dan mal-Ministru.

1.6 Il-Kunsillier J. Pillow irrimarka għaliex Triq Santa Marija inqalgħet kwazi kollha. Is-Segretajru Ezekuttiv informa li min-naħa tiegħu kien ordna biċċa zgħira mit-triq izda il-kuntrattur qala biċċa ħafna ikbar. Il-Kunsilliera M. Aquilina irrimarkat li hemm tappiera fi Triq Blanche Huber quddiem numru 115 li hemm bzonn li ssir il-bankina ta' madwara u hi ma nsistitx li ssir minħabba li hemm ftehim li l-Kunsill jagħzel il-prijoritajiet u ma tarax li hi ħaġa sewwa li l-kuntrattur jaqbad u jaqla parti minn triq iktar milli jkun ftiehem miegħu l-Kunsill. *Triq Santa Marija*

1.7 Is-Sindku propona li minn issa 'l quddiem meta jkunu se jsiru t-toroq jinzel il-perit u jiċċertifika minn fejn sa fejn trid issir skont l-urgenza. Il-Kunsilliera M. Aquilina qablet u qalet li l-Kunsill irid jimxi mal-prijoritajiet. *Certifikazzjoni ta' xogħlijiet fit-toroq mil-perit*

*Daħlet il-Kunsilliera L. Cassar Shaw għas-seduta 18.28*

1.8 Il-Kunsillier M. Briguglio informa li se ssir 'Clean up Campaign' fid-8 ta' Mejju 2015 taħt l-Exiles *beach*. Il-Kunsill ġie mitlub biex nagħmlu pubbliċita, jipprovdi ingwanti għal erbgħin tifel/tifla u ħmistax oħra għal adulti kif ukoll *garbage bags*. Il-Kunsill għandu jiftiehem mal-kuntratturi biex jinġabru l-boroz tal-iskart wara li jsir *Clean up Campaign - Exiles*

it-tindif. Il-Kunsill qabel li ssir din l-attivita. Il-Brigades għandhom jagħtuna *write up* għal *magazine* sal 11 ta' Mejju 2015. Il-Kunsillier M. Briguglio ħeġġeġ lill-Kunsilliera min jista jinzel, l-attivita se ssir bejn l-4pm u s-6pm.

1.9 Il-Kunsillier D. Muscat saqsa jekk hemmx budget għal *Sliema Day* għax hu kien qiegħed jaħseb li ssir għal Settembru 2015. Is-Sindku propona li din ssir għax-Xitwa biex ma tkunx viċin l-attivita tal-SAF. Il-Kunsillier D. Muscat qal li hu jixtieq jiffoka Sliema Day fin-naħa tax-Xatt. Is-Segretarju Ezekuttiv talab lil D. Muscat biex jagħmlu laqgħa fejn jipprezenta lista ta' *costings* u jitfassal programm tal-attivita. *Sliema Day*

1.10 Il-Kunsillier D. Muscat qal li kemm ilu li għandu r-responsabbilta tal-annimali jixtieq joħloq aktar *awereness* rigward *dog bins* għal ħmieġ tal-klieb etc. Is-Segretarju Ezekuttiv wieġeb li hemm pjanta ta fejn se jitpoġġew il-*bins* u din ġiet iċċirkolata lill-Kunsilliera. Il-kunsillier D. Muscat talab li la darba din tiġi approvata ninfurmaw lir-residenti fejn qegħdin. Il-Kunsillier J. Pillow qal li filkaz nikkombinaw il-bye law dwar l-ispray tal-klieb li kien ressaq ftit ilu fil-Kunsill. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li importanti meta jiġu biex jitpoġġew il-bins ma jitpoġġewx il-kbar li jingobraw bankina. *Animal awareness*

1.11 Il-Kunsillier D. Muscat issuġġerixxa li nipprezentaw statistika fuq il-magazine dwar rapporti mil-*green wardens*. Is-Sindku informa li tajna xi *notices* lil *green warden* li jitpoġġew fuq boroz li ħarġu fil-ġurnata ħazina. *Green wardens*

*Il-Kunsillier M. Briguglio ħareġ mis-seduta 18.40*

1.12 Il-Kunsilliera V. Galea Pace irringrazzjat lill-Kunsiliera u lil min wera solidarjeta fil-funeral tar-raġel tagħha.

1.13 Il-Kunsilliera V. Galea Pace qalet li l-Kunsill kellu jagħmel konsultazzjoni oħra fir-rigward tal-*bollards* li hemm Triq Sant'Antnin. Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw qalet li hi ma taqbilx kif inhi bħalissa għax ir-residenti ta' hemmhek spiċċaw magħluqin miz-zewġ naħat u jkun aktar faċli li wieħed jibqa ħiereġ għad-dritt kieku ma jkunx hemm bollards. Il-Viċi Sindku qal li min-naħa l-oħra kemm ilha bil-bollards naqqsu ħafna l-inċidenti apparti li hemm problema bil-*bus lane*. Ġie nnotat li mil-Kunsill hemm min jixtieq li tibqa u hemm min jixtieq li ssir konsultazzjoni. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li importanti li jsir qbil għaliex jekk hemm bzonn li terġa ssir konsultazzjoni din id-darba issir bl-aħjar mod. *Bollards – St Anthony*

Il-Kunsillier P. Radmilli qal li jista jkun li għandu raġun kulħadd imma la darba ssir konsultazzjoni xi ħadd se jintlaqat.

1.14 Il-Kunsill qabel li ssir il-konsultazzjoni. Is-Segretarju Ezekuttiv għandu jibgħat il-*wording* lill-Kunsilliera permezz ta' email. Fuq dan il-punt il-Kunsillier P. Radmilli qal li din għandha tkun eċezzjoni u l-Kunsill għandhom jzomm mar-rizulta la darba ssir konsultazzjoni u ma ssirx regola li din terġa ssir għaliex ikun hemm min ma qabilx. Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet imma la darba l-Kunsill kellu l-ilmenti irid jieħu azzjoni. *Konsultazzjoni*

1.15 Il-Kunsilliera V. Galea Pace u l-Kunsilliera M. Aquilina infurmaw li ltaqgħu mal-familjari ta' Tony Nichol dwar il-bust u se jaraw xi spejjez jista jinvolvi. Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li se jipprovaw isaqsu għal *sponsor.* Is-sindku qal li eventwalment il-Kunsill jara x'jista joffri. *Bust – Tony Nichol*

*Daħal lura l-Kunsillier M. Briguglio għas-seduta 7pm*

1.16 Il-Kunsilliera V. Galea Pace fakkret li hi tixtieq li terġa tiġi introdotta *circular bus service* u infurmat li l-ispiza kienet tiswa lill-Kunsill madwar Ewro 2000 fix-xahar. Kien hemm qbil li l-Kunsill jitlob għal stimi u fis-seduta li jmiss tkun agenda item. *Circular bus service*

1.17 Is-Sindku fakkar li meta l-Kunsill kellu laqgħa mal-Ministru Mizzi kien qallu li *circular bus service* ma tista tiġi introdotta qabel ma jsir il-kuntratt il-ġdid tat-trasport pubbliku, u dan is-servizz ma jkunx jista jsir jekk ma jkunx mil-kuntrattur tal-Gvern. Il-Kunsillier M. Briguglio saqsa jekk il-Kunsill jistax jitlob li din tkun bil-miktub min-naħa tal-Ministeru. Is-Segretarju Ezekuttiv għandu jitlob b'mod uffiċjali.

1.18 Il-Kunsilliera V. Galea Pace qalet li jekk jistgħux jiġu restawrati n-niċeċ fil-kantunieri u forsi l-Kunsill jagħmel *spotlight* fuqhom. Is-Sindku qal li l-Kunsill jista jerġa jkellem lil Lions Club biex ikomplu fejn kienu waqqfu.

1.19 Il-Kunsilliera N. Castaldi Paris infurmat li hemm tappiera sfrundata tal-Water Services li hija perikoluza u qegħda quddiem numru 40, Triq N. P. Tabone.

*Il-Viċi Sindku u l-Kunsilliera L. Cassar Shaw telqu mis-seduta fis-19.15*

1.20 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq il-proposta għal *underground parking* (proġett tal-ġnien taħt it-Torri).

1.21 Kien hemm prezenti l-perit tal-Kunsill u ressaq il-pjanta proposta għall-approvazzjoni. Fost affarijiet oħra ġie diskuss dan li ġej: *Proġett propost – Ġnien taħt it-Torri*

1. se jkun hemm aktar spazzju għal parkeġġ u se jkun hemm madwar 180 parkeġġ.
2. Il-perit qal li l-Kunsill irid izomm f'moħħu li jrid jzomm ukoll mal-MEPA *requirements*.
3. It-triq (mil-Kiosk sal-Exiles) tista titwessa' ħalli tkun tista tiġi *two way*
4. Il-Kunsillier J. Pillow fakkar li hemm il-*bring in sites*. Il-perit ħa nota u qal jista jkun li jitnaqqsu xi zewġ parkeġġi biex ikollhom post.
5. Li l-bandli jibqgħu bil-livell tal-bankina. Il-perit qal li jrid jara skont id-dizlivelli tat-triq u skont ix-xogħlijiet u qal li importanti li jkun aċċessibbli għal persuni b'dizabilita.
6. Il-Kunsillier M. Briguglio saqsa dwar *safety* minħabba li hemm zewġ sulari u jrid ikun hemm protezzjoni soda.
7. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li hemm bzonn li ninkludu wkoll *soft areas*. Il-perit qal li mad-dawra inkluda xi *planters*.
8. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li importanti li ma jsirx *turf* għaliex il-*maintenance* lill-Kunsill jiswih ħafna flus.
9. Il-Kunsillier P. Radmilli issuġġerixxa li jsir *outdoor gym* jew ikun hemm aċċess għal tip ta' sport bħal *beach volley* jew *basketball* etc.,
10. Il-Kunsilliera V. Galea Pace issuġġerit li jsir Club tal-boċċi.
11. Il-Kunsillier M. Briguglio qal li importanti li jkun hemm post għar-roti.
12. Il-Kunsillier P. Radmilli saqsa hemmx sistema ta' ġibjun u li jkun jista jintuza għat-tisqija. Il-perit qal li iwa ħaseb għal dan.

*Il-Kunsilliera V. Galea Pace ġiet skuzata li titlaq mis-seduta 19.55*

1.22 Il-Kunsill qabel mal-kunċett ta' dan il-proġett u qabel li l-perit jmexxi bil-pjanta u jressaq l-applikazzjoni lill-MEPA.

*l-item tas-suġġeriment ġie sospiz għal ftit biex jiġi diskuss punt numru 2*

## 2. AUDIT ADJUSTMENTS

2.1 L-Accountant tal-Kunsill informa li l-awdituri għadhom se jibgħatu l-*management letter* wara l-awditjar pero hemm zewġ punti li xtaq approvazzjoni mil-Kunsill qabel ma jidhru fir-rapport.

2.2 L-accountant spjega kif il-Kunsill irid jimxi skont l-allokazzjoni li tingħata fis-sena għal hlas tal-Wasteserv, u ma jħallasx aktar. L-accountant spjega kif hu jinterpreta' li certu flus li il-Kunsill m'għandux joħroġ m'għandhomx għalfejn jitnizzlu fil-kotba tal-Kunsill. Min-naħa l-oħra l-awdituri jaqblu li jridu jitnizzlu u b'hekk l-financial indicator ikun qiegħed jidher minus 2%. Il-Kunsill qabel ma l-interpretazzjoni tal-accountant u b'hekk nirrimarkaw l-awdituri li l-Kunsill ma jaqbilx li dan jidher fil-kotba tal-Kunsill.

2.3 Is-Sindku propona li l-Kunsill għandu jimxi fuq l-opinjoni tal-accountant u approva l-*audit adjustments*. Kien hemm qbil dwar dan.

***Tkompliet is-seduta bis-suġġerimenti (Item 1)***

1.23 Il-Kunsillier J. Pillow informa lill-Kunsill li l-ġimgħa l-oħra bgħat email lill-ELC dwar il-manutenzjoni tas-*soft areas* billi qallhom 'Sliema deserves better'. Saret laqgħa mal-ELC u ċertu affarijiet marru għall-aħjar, fosthom l-area ta' Għar id-Dud. Il-kunsillier Pillow informa wkoll li twaħħlu madwar 600 mitt fjura. *Manutenzjoni – soft areas*

1.24 Il-Kunsilliera J. Pillow u P. Radmilli iridu jiċċekjaw jistgħux jitħawlu l-pjanti bħal *Judas' trees u Lavendar* . Il-kunsilliera M. Aquilina irrimarkat li s-siġar ta' Tower Road matul il-*promenade* ma ġewx ittrimjati kollha u b'hekk ma jidhrux puliti. L-ELC kienu infurmawna li s-siġar jiġu trimjati skont iz-zmien tagħhom.

1.25 Il-Kunsillier J. Pillow propona li jsiru tip ta' siġar fejn xulxin u ħdejhom issir plakka 'in memory of..' ezempju x-Xatt ta' Tigne lejn Burger King. Kien hemm qbil li l-kunsilliera J. Pillow, P. Radmilli u M. Briguglio jiltaqgħu bħala kumitat u jsaqsu l-banek għal si *sponsorship*. Il-kumitat għandu jiddiskuti wkoll in-nuqqas ta' siġar f'Tas-Sliema u jekk ikun hemm bzonn jitlob għajnuna lill-Ministeru tat-Turizmu.

1.26 Il-Kunsillier P. Radmilli propona li 'Tree 4 U' tkun f'Tas-Sliema wkoll, fejn il-Kunsill jista jinvolvi lir-residenti billi jaddota pjanta. Il-Kunsill jsta jsaqsi permezz ta' *facebook* u jara min ikun interessat. *Tree 4 U*

1.27 Is-Sindku informa li waqt laqgħa li kellu *Tourism Zones* ġie infurmat li se jzidu il-ħamrija f'Tas-Sliema, fejn hemm konkos se jizdied il-pavimentar kif ukoll se jduru l-bankijiet. Fir-rigward tal-manutenzjoni tal-bankijiet il-Ministeru talab għall-għajnuna tal-Kunsill billi nipprovdu materjal bħal zebgħa ecc) Kien hemm qbil dwar dan. *Aktar manutenzjoni – Tourism Zones*

1.28 Is-Sindku informa bl-istat ħazin ta' Carmel Lane u propona li jsir il-wiċċ ġdid. Il-Kunsilliera M. Aquilina ssekondat li jsir għax wieħed mil-prijortajiet. Kien hemm qbil li jsir fost il-Kunsilliera prezenti. *Carmel Lane*

1.29 Fir-rigward tal-post vakant għal *handyman* tal-Kunsill, il-kumitat għamel diversi *interviews* u qablu li jintgħazel is-Sur Mark Mallia. Kien hemm qbil li jintgħazel is-Sur Mallia u jibda mill-4 ta' Mejju, 2015. Il-Kunsill qabel ukoll li jkun hemm paġna ġdida u l-ħinijiet u r-regolamenti tax-xogħol jinzammu kif meħtieġ. Is-Segretarju Ezekuttiv wieġeb li spjegaw dan kollu waqt *l-interview*. *Handyman tal-Kunsill*

1.30 Is-Sindku informa dwar il-claim li kien ressaq is-Sur Gatt minn Triq Moroni għaliex qal li kkawzatlu xi ħsara minħabba *culvert*. Il-Kunsill irċieva korrispondenza wkoll mill-Ombudsman fejn qiegħed jgħid lill-Kunsill li jrid iħallas għall-ħsara. Il-Kunsil qabel li għandu jimxi mad-deċizjoni tal-Ombudsman u jħallas għad-danni. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li sadanittant it-tindif tal-culvert qiegħed isir b'mod regolari biex ma terġax issir ħsara. Il-Kunsill qabel li jħallas skont l-irċevuti u li hemm spiza ta' madwar Ewro 1000. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jitlob lill-insurance u jsaqsi dan jistax jiġi rifondut. Triq Moroni

1.31 Il-Kunsillier J. Pillow qal li għalkemm hemm ħsieb li jsir il-proġett tal-bandli ta' taħt it-Torri hemm bzonn li sakemm jinbeda peress li se jieħu tul ta' zmien, hemm bzonn li jiġu irranġati l-bandli b'mod temporanju bħal per ezempju jinxtara tapit li jkollu garanzija inqas li jkun jiswa inqas flus. F'kaz li dan ma jkunx jista jsir jingħalaq minħabba periklu. *Bandli – Taħt it-Torri*

1.32 Il-Kunsillier J. Pillow qal li hemm bzonn li l-arbli u l-bandli ta' Gnien Bonello Dupuis jinzebgħu. Suġġerixxa wkoll li ssir *cat's cafe*. Is-Sur Pillow issuġerixxa wkoll li titwaħħal plakka fejn tgħid li dan il-Gnien qiegħed jiġi mizmum mill-Kunsill. Kien hemm qbil dwar dan. *Gnien Bonello Dupuis*

1.34 Il-Kunsillier P. Radmilli fakkar li l-kuntratt dwar it-tender għall-iskart riċiklat għadu ma ġiex deċiz. Kien hemm qbil li l-laqgħa tal-kumitat tat-tenders issir nhar it-Tnejn 11 ta' Mejju 2015 fis-6pm. *Tender – Skart Riċiklat*

1.35 Il-Kunsillier J. Pillow qal li hemm bzonn li kuljum il-Kunsill itella' fuq *facebook* il-ħinijiet tal-ġbir tal-iskart. *Ħinjiet ta' ġbir ta' skart*

1.36 Il-Kunsillier P. Radmilli informa li fir-rigward għat-tender għal *EU Funds Consultant* il-Kunsill irid jilħaq japplika sas-16 ta' Gunju u t- *EU Funds Consultant*

tender tissejjaħ wara għaliex inkella il-Kunsill ma jilħaqx japplika.

3. **AĠĠORNAMENT**

3.1 Is-seduta ntemmet fid-21.22. Seduta oħra ġiet imsejħa nhar it-Tlieta 19 ta' Mejju 2015 fis-6pm

Minuti approvati llum 19/05/2015

**Anthony Chircop**
**Sindku**

**Matthew Dimech**
**Segretarju Eżekuttiv**